# Il-Bidu tal-Moviment ta' L-Iscouts

Minn Charles Vella Group Scout Leader Emeritus

Il-bniedem li beda l-iscouts kien Robert Stephenson Smythe Baden -Powell. Kienu jsejħulu wkoll fil-qosor "B.P ". Hu twieled f'numru 6 Triq Stanhope (illum 11 Stanhope Terrace) Paddington, Londra, l-Ingilterra, fit-22 ta' Frar, 1857 u miet u ndifen f'Nyeri, il-Kenja, fl-Afrika fit-8 ta' Jannar, 1941, fl-eta' ta 64 sena.

Baden Powell kien is-sitt iben tar-Reverendu H.G.Baden Powell li kien Professur ta' l-Universit ta' Oxford u meta miet missieru, kellu biss tliet snin. Baden Powel kien jilgħab bħala Goal Keeper, kien tajjeb ħafna bħala Kimiku, kif ukoll idoqq il-vjolin. Kien ukoll jikteb u jpinġi kemm bix-xellug kif ukoll bil-lemin; kien iħobb ħafna l-kampanja. Meta spiċċa mill-iskola, bħala karriera għażel li jidħol fl-Armata, u kemm dam fl-Armata serva fl-Afganistan, fl-Indja u s-South Africa. Kien fil-gwerra tal-Boer (1899-1900) li sar eroj popolari ħafna meta ddefenda l-belt żgħira ta' Mafcking, fl-Africa t'isfel, fejn dan 217-il ġurnata assedjat minn armata kbira tal-Boeri. 'B.P' spiċċa mill-Armata bir-rank ta' Maġġur Ġenerali.



| 1937 | | JANUARY | | | 1937 |
|---|---|---|---|---|---|
| Sunday ... | | 3 | 10 | 17 | 24/31 |
| Monday ... | | 4 | 11 | 18 | 25 |
| Tuesday ... | | 5 | 12 | 19 | 26 |
| Wednesday ... | | 6 | 13 | 20 | 27 |
| Thursday ... | | 7 | 14 | 21 | 28 |
| Friday | 1 | 8 | 15 | 22 | 29 |
| Saturday | 2 | 9 | 16 | 23 | 30 |

*Tpinġija ta' Lord Robert Baden Powell li deher fuq kalendarju ta' l-1937 waqt l-aħħar żjara tiegħu f'Malta*

**KAMP ESPEREMENTALI**

F'Awissu 1907, stieden ftit ulied tal-ħbieb tiegħu, u xi tfal mill-Poole Boys Brigade għal kamp fuq il-gżira ta' Brownsea, fil-Port ta' Poole. Hawn it-tfal ikkampjaw, li kienet xi ftit rari għal dak iż-żmien, fejn Baden Powell beda jgħallem l-First Aid, kif jorbtu bil-ħbula, kif jibagħtu l-messaġġi bil-bandieri, l-użu tal-kumpass (boxxla), u ħafna affarijiet oħra. Fl-1908 ippubblika l-ewwel ktieb li kien jismu Scouting for Boys.

**GILWELL PARK**

L-Address hu:- Bury Road Chingford, London E4 7QM. Dan qiegħed f'Epping Forest. Dan il-Park hu post ta' taħriġ għall-kapijiet ta' l-iscouts, u anke post fejn jikkampjaw Scouts minn diversi pajjiżi minn madwar id-dinja. Dan il post fih swimming pool , store, sptar żgħir u scout shop. L-ewwel course tal-Wood Badge inżamm f'dan il-Park fl-1919.



*Scouts Mostin g'addejin minn fuq pont li bnew huma stess fuq Wied il-Qlejja*

**BADEN POWELL HOUSE**

Dan il-blokk bini kbir qiegħed fil-kantuniera ta' triq Cromwell, Queen's Gate Londra. Dan il-post inbena bħala monument għal Baden Powell. Dan ġie inawgurat mir-Reġina Elizabetta ll ta' l-Ingilterra, fl-Lulju 1961 u jikkonsisti f'Kamra għall-Konferenzi, Restorant, Librerija, kmamar għall-kumitati, u tliet sulari dormitorji fejn Scouts mid-dinja kollha jkunu jistgħu joqogħdu. Hemm ukoll esebizzjoni sabiħa fuq Baden Powell u l-Iscouting.

**SCOUTING MONDJALI**

Fl-1909, iċ-Ċhile kien l-ewwel pajjiż wara l-Ingilterra u dak ta' Mata li kellu l-iscouts, u fl-istess sena bdew jifformaw fil-Canada, Australia u New

| | | World Jamborees |
|---|---|---|
| 1st | 1920 | Olympia, London, England |
| 2nd | 1924 | Copenhagen, Demmark |
| 3rd | 1929 | Arrowe Park, Birkenhead, England |
| 4th | 1933 | Gadollo, Hungary |
| 5th | 1937 | Vogelenzang, Holland |
| 6th | 1947 | Moisson, France |
| 7th | 1951 | Bad Ischi, Austria |
| 8th | 1955 | Niagara-on-the-Lake, Canada |
| 9th | 1957 | Sutton Coldfield, Warwickshire, England |
| 10th | 1959 | Laguna, Philippine Islands |
| 11th | 1963 | Marathon, Greece |
| 12th | 1967 | Farragut State Park, Idaho, USA |
| 13th | 1971 | Asagiri Hieghts, Fujinomiya City |
| 14th | 1975 | Lillehammer, Norway |
| 15th | 1979 | Iran (cancelled) |
| | 1983 | Kananaskis Country, Canada |
| 16th | 1987 | Cataract Park, Sydney, Australia |
| 17th | 1991 | Soraksan National Park, South Korea |
| 18th | 1995 | Holland |
| 19th | 1998-9 | Chile |
| 20th | 2002-3 | Thailand |
| 21st | 2007 | Highlands Park, England |

Zealand. Sas-sena 1914 meta bdiet l-ewwel gwerra dinjija kien hemm mhux anqas minn 36 pajjiż li kellhom l-iscouts. Illum hawn madwar 28 miljun scouts imxerrdin madwar id-dinja kollha, f'216-il pajjiż.
F'Malta l-iscouts beda fl-1908, voldieri s-sena d-dieħla ser jagħlaq 100 sena. Hawn fil-Mosta beda fl-1916 minn Mons. Edgar W. Salomone P.E.P. li s-sena l-oħra ċċelebra d-90 anniversarju mit-twaqqif tiegħu.



*Rally Nazzjonali ta' l-iscouts fil-Pjazza tal-Mosta fl-14 ta' Ottubru 1917*

**ORGANIZZAZJONI**

Il-World Bureau, li kellu l-uffiċċju tiegħu Londra sa' l-1958, u wara f'Ottawa, Canada sa' l-1968, issa qed Geneva, Switzerland.

**JAMBOREES**

Jamboree hu kamp kbir enormi fejn jiltaqgħu għall-10 jew 12-il ġurnata, scouts mill-pajjiżi kollha tad-dinja. Matul dan il-kanp isiru kull xorta ta' attivita':- Canoeing, pioneering, għawm, trekking, camp fires, abseiling, u oħrajn. Kull Jamboree jinżamm kull 4 snin f'pajjiżi differenti fejn madwar 40,000 scouts ikunu f'mijiet ta' kampijiet f'wesgħa kbira u enormi.

Din is-sena se jinżamm f'Highland Park l-Ingilterra mis-27 ta' Lulju sat-8 ta'Awissu, f'għeluq il-100 sena mit-twaqqif tal-moviment ta' l-iscouts.
Dawn huma l-Jamborees li saru matul dawn l-aħħar 100 sena.

**PROFIL TAL-GROUP SCOUT LEADER EMERITUS IS-SUR CHARLES VELLA**

Is-Sur Charles Vella magħruf bħala s-sir ta' l-iscouts, twieled il-Mosta fit-8 ta' Diċembru, 1928, iben Giovanni u Giovanna Vella nee' Dimech. Missieru kien surmast tal-Banda 'Nicolo Isouard' tal-Mosta għal 33 sena, 'San Ġorġ' ta' Ħal Qormi għal 27 sena, u 'San Nikola' tas-Siġġiewi għal 9 snin. Kien ukoll il-fundatur tal-Banda ta' l-iscouts. Is-surmast Ġanni Vella baqa' magħruf l-aktar minħabba l-ħafna marċi brijjużi u funebri; u kompożizzjonijiet sbieħ li ħalla warajh.

Charles Vella rċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-Mosta, fil-Kulleġġ De La Salle, u fil-Kulleġġ tal-Bażi Navali tad-Dockyards. Minn hawnhekk daħal jaħdem it-tarzna, u baqa' jaħdem sakemm irtira fl-eta' ta' 60 sena fl-1988.



*Is-Sur Charles Vella, flim kien mal-President Emeritus, Profs. Guido Demarco waqt riċeviment fil-kwartieri Ġenerali ta' l-iscouts fil-Furjana fi Frar ta' l-2003*

Is-Sur Vella sar membru tal-Moviment ta' l-iscouts fl-1939. Fl-1942 meta għad biss kellu 14-il sena, serva bħala Telephone Operator ma l-A.R.P. (Air Raid Precaution) Squad tal-Mosta, li kienet immexxija mis-supretendent is-Sur Anthony Woods, u kien ukoll iqassam bieb, bieb il-fuljett li kien joħroġ il-gvern mid-D.O.I. (Department of Information) fiż-żmien il-gwerra bħal Review u Young Malta. Kien ukoll iġorr l-iscrap bit-Trek Cart ta' l-iscouts biex jiġi maħdum f'materjal tal-gwerra.

Vella kien Troop Leader għal xi żmien qabel laħaq Scout Master fl-1951, u fl-1961 sar Group Scout Leader tal-group tal-Mosta, wara li għamel il-course tal-Wood Badge fl-1957. Charles Vella kien ukoll Supredendent tas-St. John Ambulance Brigade tad-Divizjoni tal-Mosta. Barra mix-xogħol li għamel hawn Malta, ma l-iscouts ħa sehem f'diversi attivitajiet barra minn Malta. Fl-1946 huwa attenda l-ewwel Patrol Jamboree Internazzjonali f'Blair Atholl, Scotland. Fl-1947 attenda l-ewwel Jamboree Internazzjonali ta' wara t-tieni gwerra dinjija f'Moisson fi Franza. Fl-1957 kien wieħed mill-kontinġent Malti li ħadu sehem fil-famuż Jamboree Internazzjonali li kien sar f'Suttton Coldfield l-Ingilterra. Dan il-Jamboree kien ikkomemora l-100 sena tat-twelid tal-fundatur ta' l-iscouts, Lord Robert Baden Powell, u l-50 sena mit-twaqqif tal-moviment. Charles Vella kien ukoll membru tal-kontinġent Malti li mar Londra fl-1953 għall-koronazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II, u fl-1951 mar ukoll l-Ingilterra għall-Festival of Britain. Fl-1954 mar għal Cruise ta' 5 ġimgħat man-Navy Ingliża fuq il-Battle Cruiser H.M.S. Bermuda. Fl-1969, hu u tnax-il Venture Scouts oħra marru għall-mawra ta' tnax-il ġurnata fi Sqallija. Din kienet avventura kbira. Ir-raġuni ewlenija kienet li n-Navy Taljana offritilna passaġġ b'xejn sa' Catania fuq il-frejgata Rizzo u lura ġejna fuq frejgata oħra minn Siracusa li kien jisimha Margottini.

Is-Sur Vella irċieva għadd ta' dekorazzjonijiet matul il-karriera tiegħu ta' 66 sena. L-iscouts onorawh mill-Medal of Merit, Bar għall-istess medalja; Long Service Decoration - 45 year Clasp; is-Silver Acorn; Medal for Meritorious Conduct; il-Medalji Kommemorattivi tal-Bronz Cross u l-George Cross; iċ-Chief Commissioner's Personal Award; u s-Silver Dolphin, l-għola unur ta' l-iscouts.

Fis-St.John's Ambulance Brigade is-Sur Vella ġie onorat bl-Officer of the Order of St.John Medal: Long Service Medal u l-Gold Gilt minn Major General Michael Walsh, ex Chief Scout ta' l-Ingilterra u Direttur tas-St.John Ambulance Association.

Fl-1998, il-Kunsil Lokali tal-Mosta onorah billi tah Ġieħ il-Mosta.

L-akbar unur għas-Sur Vella iżda qiegħed fil-qlub ta' mijiet ta' tfal, żgħażagħ u kbar li ħadu l-formazzjoni tagħhom bl-għajnua tas-sir, kif kien u għadu magħruf, li bil-ħidma tiegħu li ma taqta' qatt, għamel tant ġid tul dawn is-snin kollha fil-Mosta.

**Minn qalbna nixtiequ lis-Sur Vella Ad Multos Anno.**